

## II

(Atti mhux leġislattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 934/2014

tal-1 ta' Settembru 2014

li jemenda għall-219-il darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al Qaida, <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1)(a) u 7a(5) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dan ir-Regolament.
- (2) Fis-26 ta' Awwissu 2014, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) iddeċieda li jneħħi persuna mill-lista tiegħu ta' persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi wara li kkunsidra t-talba li saret minn din il-persuna biex titneħħa minn din il-lista u r-Rapport Komprensiv tal-Ombudsperson stabbilit skont ir-Riżoluzzjoni tal-KSNU 1904(2009).
- (3) Għaldaqstant, jeħtieġ li l-Anness I ta' mar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu jiġi aġġornat biex jirrifletti dan.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Settembru 2014.

Għall-Kummissjoni

Fisem il-President

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 139, 29.5.2002, p. 9.

## ANNEX

Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002, l-entrata segwenti taħt l-intestatura "Persuni fiżiċi" titħassar:

"Wa'el Hamza Abd Al-Fatah **Julaidan** (magħruf ukoll bħala (a) Wa'il Hamza Julaidan, (b) Wa'el Hamza Jalaidan, (c) Wa'il Hamza Jalaidan, (d) Wa'el Hamza Jaladin, (e) Wa'il Hamza Jaladin, (f) Wail H.A. Jlidan, (g) Abu Al-Hasan Al Madani). Data tat-twelid: (a) 22.1.1958, (b) 20.1.1958. Post tat-twelid: Al-Madinah, l-Arabja Sawdija; Ċittadinanza: Sawdija. Nru tal-Passaport: (a) A-992535 (numru tal-passaport tal-Arabja Sawdija) (b) B 524420, (maħruġ fil-15.7.1998, skada fit-22.5.2003). Informazzjoni oħra: Direttur eżekuttiv ta' Rabita Trust. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a(4)(b): 11.9.2002."

---